# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru **14** Mejju Ġunju 1996

Stampat fuq karta riċiklata



## Borra fl-Għadira



paġ3




paġ4



Desrée Falzon

*Għammiel tal-Bejt*

# editorjal



## Għeżież Ħuttaf!

Qisha mhix biżżejjed il-ħsara li jagħmlu f'Malta...

Wara li ħarbtu u qerdu l-għasafar f'pajjiżhom, il-kaċċaturi Maltin bil-wiċċ tost kollu qegħdin iduru għall-għasafar ta' pajjiżi oħra. Fost dawn il-pajjiżi hemm l-Eġittu. L-Eġittu huwa pajjiż kbir fl-Afrika ta' Fuq. Ħafna minnu huwa deżert, imma fih tgħaddi x-xmara Nil, u matul dix-xmara enormi hemm ħafna ħdura u ħafna ħajja. Fid-deżert hemm ukoll l-oażijiet. Dawn ikunu rqajja' bl-ilma fil-wiċċ u għalhekk fihom ukoll ikun hemm is-siġar u l-għasafar. Għasafar bir-rimi, għasafar li jġibulek għajnejk wara widnejk!

U issa dawn l-għasafar qed tmisshom ix-xorti kerha li sena wara l-oħra tmiss lill-għasafar ta' Malta. Kaċċaturi bil-gzuz qed imorru tours speċjali, armati sa snienhom qishom sejrin għall-gwerra! U erħilhom ibattlu senter wara ieħor fuq dawn il-povri għasafar li qatt ma raw vjolenza bħal din!

Il-kaċċaturi Maltin suppost jobdu l-liġijiet ta' l-Eġittu, u jisparaw biss fuq għasafar li jistgħu jittieklu! Imma Alla jbierek, il-liġi Eġizzjana daqs dik Maltija qed jirrispettawha! Kull grupp li jmur l-Eġittu qiegħed jagħmel massakru kbir mill-għasafar ta' l-Eġittu! Kif rajna ftit ilu fuq it-televixin, il-kaċċaturi qed igibu lura magħhom ajkli, barbaġanni, isqra, nankini *(cream-coloured courser)*, *sunbirds*, anke avultuni.

Imbagħad isibu xi gwapp biex jibbalzmahomlhom u jpoġġuhom ġol-vetrina mal-vittmi l-oħrajn, ilkoll b'għajnejn tal-ħġieġ. U kull min iħarsilhom lejhom jgħidulu bi kburija kbira:

"Dak, man, dak mill-Eġittu, man! Dak rari, ras!"



avultun prim

Victor

Victor Falzon
Editur

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 14 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...Il-Gallozz Iswed | paġ 5 |
| Ittrttrittrittrittri | paġ 6 |
| Art Gallery | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Naturalment: IMXIMXIMXI | paġ 8 |
| Gruppi Lokali | paġ 9 |
| Storjaritratti: Meta morna Kemmuna | paġ 10 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 11 |
| Pinġipinġi | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Avviżi eċċ. | paġ 12 |




Żunżan tax-Xehda

*Faċċata ta' Quddiem*

**Għammiel tal-Bejt**

(*Passer hispaniolensis* - Spanish Sparrow)

Bla dubju huwa l-aktar għasfur li naraw u li nafu bih aħna l-Maltin. Komuni daqs it-trab, u storbjuż... daqsna! Ibejjet kullimkien: siġar, ventilaturi, arbli tad-dawl, irdum... darba sibt bejta f'ġewnaħ ta' ajruplan (emm... l-ajruplan kien mitluq, biex niftiehmu!). Jekk ikollkom bird table, dan se jkun l-ewwel għasfur li jżanżanhielkom! Imħatra?!

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ko-ordinatur), Victor Falzon, Margaret Muscat.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Pubblikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Ġunju 1996

aħbarijiet

# Borra fl-Għadira!




Kmieni f'Mejju, wara riefnu ta' lejl, fir-riserva ta' l-Għadira għamlet il-borra!!!

Għall-inqas hekk kienu qishom ir-ruxxmata Agretti Bojod li niżlu jistrieħu fiha wara lejl jitħabtu mar-riħ bejn sema ċappa u baħar linka (waqt li jien u int konna mrekknin fis-sodda nisimgħu r-riħ ivenven!).

B'kollox Charles Gauci u Mark Vella, li jieħdu ħsieb ir-riserva, għaddew 101 agrett. L-Agrett Abjad mhuwiex għasfur rari fil-passa, imma din il-ġrajja kienet numru rekord ta' agretti li qagħdu f'ħin wieħed ġewwa l-Għadira - kultant lanqas fi staġun sħiħ ma jidhru daqshekk agretti bojod!

## Ma temminx fil-MOSTRI? Mur San Ġiljan ...tliet snin oħra!



B'niket inħabbru l-mewt ta' biċċa oħra mix-xatt u mill-baħar Malti. Ingħata permess biex biċċa mix-xatt ta' San Ġiljan tinbidel f'ħafna bini: fost dan il-bini se jkun hemm mostru ta' tmintax-il sular. Barra l-kruha tal-proġett, ara kemm ġebel u terrapien se jintrema' fil-baħar. Ara kif se jispiċċa deżert qiegħ il-baħar hemmhekk!

## MILL-ĠDID BIL-BAJD







Fil-Huttafa ta' qabel din, ħabbarna li par Fras-Servjent kienu donnhom se jbejtu ġewwa l-Għadira. Imma f'wiċċna baqa', għax kollox sfaxxa fix-xejn. Fil-fatt ftit tal-granet wara taru u telqu! Forsi kellhom xi jgħidu l-għarajjes!

# Mid-dinja...




## Ta' Bali Rari...

Il-Bali Starling huwa għasfur abjad b'ġilda kaħla madwar għajnejh... differenti ħafna mill-iSturnell li fix-xitwa nimtlew bihom Malta! U mhux fid-dehra biss differenti: il-Bali Starling *(Leucopsar rothschildi)* huwa l-iktar speċi ta' sturnell rari fid-dinja. Sa ħames snin ilu kien baqa' biss 14-il wieħed fid-dinja kollha. BirdLife International għamlet minn kollox biex il-foresti li jgħix fiha (fuq Bali, gżira fl-Indoneżja) ssir protetta. Issa n-numru jidher li qabeż l-40. Xorta ftit, imma hemm tama li b'aktar xogħol ambjentali, dan l-għasfur tal-ġenn ma jisparixxix minn wiċċ id-dinja.

World Birdwatch Vol 18:1 - Mar 1996

## X'Malvizzju qabdu!




F'raħal ċkejken ġo England in-nies qegħdin kull filgħodu fil-5.00am iqumu bil-ħsejjes ta' l-alarms tal-karozzi.

X'qed jiġri? Hemm xi salt ħallelin tant ġifa li dejjem jisirqu l-karozzi fl-istess ħin? U allura l-pulizija ma qed tagħmel xejn?

Xejn fil-fatt! Heqq, xi tridha tagħmel? Tarresta partita għasafar!!!???

Hekk hu! Il-Malvizzun Iswed (blackbird) huwa galantom biex jimita ħsejjes li jisma'. Fettillu wieħed tgħallem jimita alarm ta' karozza... u sħabu għoġbithom l-ideja. Tant li lkoll tħajru!

U għalhekk ir-raħal ta' Guisborough għandu kor ta' sireni!

Daily Mail, 16 May 1996

# KOMPETIZZJONI AQRANI

Norman Chetcuti

Aqra din il-poeżija
u ħu sehem f'kompetizzjoni
Minn kull vers sib għasfur moħbi
Hemm sittax, x'kumbinazzjoni!

Aqra linja u aħseb sewwa.
Indunajt? Hemm żewġ biċċiet.
Dan għaliex kull għasfur moħbi,
għandu fih żewġ tifsiriet.

Qed intik bħala eżempju:
**F'siġra bil-frott aħdar skur.**
"Taż-Żebbuġ" hija t-tweġiba,
sew jekk siġra, sew għasfur.

Meta ssib l-għasafar kollha
jew sibt ftit u tkun għajjejt
ibgħatilna ir-risposti
naraw ftit 'il kemm tkun ġejt

**A** Jew tal-leħja jew tal-baħar
**B** Jdoqq fl-orkestra, żgħir itir,
**C** T-tnejn li huma jħobbu l-ġrieden
**D** Jew fil-banda, jew b'tisfir.

**E** Biex għasfur, neħħilu l-borża
**F** Jew b'titjira, jew bit-trott
**G** Hu ta bewsa, beċċun qabad
**H** F'baħar, b'ħxejjex, fjuri u frott

**I** B'kordi ddoqqha, qabdet ħuta
**J** Ħut u ramel tiġbor żgur
**K** Ferm storbjuża, l-grawnd teħodha
**L** Sew jekk ħuta, sew għasfur

**M** Rkobbtejk itwi, fuq xi siġra
**N** F'ras tarbija, f'qasab għeb
**O** Isem mara, jew fil-bejta
**P** Kiel il-ħut, xagħru tad-deheb.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1 Qattus | 4 Purċinell | 7 Kappun | 10 Vjolin | 13 Żiemel |
| 2 Ta' San Martin | 5 Ċuqlajta | 8 Trumbettier | 11 Bies | 14 Mus |
| 3 Serra | 6 Ċetta | 9 Arpa | 12 Kokka | 15 Paletta |

Qabbel l-ittra man-numru (eż: A-5, B-14 eċċ), u ibgħatilna l-lista fl-indirizz:
**Kompetizzjoni Il-Ħuttafa 14**
**Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**
mhux wara l-
**31 ta' Lulju**

Ir-Rebbieħ jingħata sett kartolini tan-natura!



# il-Gallozz Iswed



**Issa li dieħel is-sajf forsi ftit niftakru fl-għasafar. Moħħna jkun aktar f'xi għawma jew xi xahrejn għażż! Iżda għall-għasafar dan huwa żmien ta' xogħol kbir, żmien li fih jibnu l-bejta u jrabbu l-frieħ. F'Malta għandna xi 15-il speċi ta' għasafar li jbejtu. Illum ser nagħtu ħarsa lejn il-Gallozz Iswed, l-iktar għasfur reċenti li beda jbejjet f'Malta regolarment.**

Malti: Gallozz Iswed
Ingliż: Moorhen
Xjentifiku: *Gallinula chloropus*

Fil-passat il-**Gallozz Iswed** kien għal Malta għasfur tal-passa biss. Kien jidher l-aktar bejn Marzu u Mejju u bejn Awwissu u Novembru. F'dawn ix-xhur kien komuni mhux ħażin. Numri iżgħar kienu jqattgħu x-xitwa magħna, dejjem f'xi post fejn jinġabar l-ilma u jikber qasab u ħaxix folt.

Il-Gallozz Iswed huwa speċjalizzat biex jgħix ma' l-ilma: saqajh imdaqqsin bi swaba' twal u miftuħin biex jimxi fuq pjanti ta' l-ilma, u ġisem dejjaq biex jgħaddi minn qalb il-qasab. Lewnu huwa iswed b'daqqa bajda fuq il-ġwienaħ, u denb abjad minn taħt. Saqajh ħadranin u munqaru aħmar jgħajjat bil-ponta safra. Fl-ilma jaf jgħum u jogħdos mhux ħażin. Bħas-soltu, imsomma, annimal verament sabiħ u mibni biex jgħix fl-ambjent partikolari tiegħu.

F'Malta ftit għandna postijiet li jżommu l-ilma fis-sajf, u forsi għalhekk il-Gallozz ftit tħajjar ibejjet. Iżda minn xi ħames snin 'l hawn inħolqu xi għadajjar ġodda, bħal dik ta' Għajnsielem f'Għawdex, u naturalment fir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar. U l-Gallozz Iswed bejjet!

L-aktar li għoġbitu kienet ir-riserva tas-Simar, għax malli tlestiet mhux biss par wieħed, iżda ħafna pari qattgħu s-sajf hemm u rabbew familja. Il-qasab huwa ambjent perfett biex jibnu l-bejta fih, u l-ħut żgħir u l-ħajja ta' l-ilma rikka li hemm fis-Simar ifissru li l-ikel ma jonqosx. U s'intendi l-post huwa protett, jiġifieri l-għasfur jitgawda minn kulħadd bla ma jiġi mfixkel. Malli r-riservi titlesta kompletament, mijiet ta' tfal ta' l-iskola jibdew jiltaqgħu ma' l-għasafar kuljum, kif diġà jiġri fl-Għadira. Qed taraw kif meta nagħmlu l-parti żgħira tagħna, in-natura tagħtina s-sabiħ tagħha!



Fellus ta' Gallozz Iswed

F'Is-Simar, is-sajf sar spettaklu ta' Glalez, billi dawn dejjem iduru jfittxu l-ikel, jinħaslu, jiġru wara xulxin u jgħajtu l-għajta tipika tagħhom. U spiss tidher ukoll xi omm tgħum b'serbut twil ta' flieles warajha.

Imsomma nistgħu ngħidu li l-Gallozz Iswed sar parti mis-Simar. Mhux ta' b'xejn Klabb Ħuttaf dejjem jirsisti biex jitħarsu postijiet ġodda u biex għall-ewwel darba f'pajjiżna, l-għasafar jingħataw ċans jgħixu ħajja bla xkiel.

**Mark Falzon**

**Nota Editorjali**
Kif qrajtu fil-ħarġa li għaddiet (Il-Ħuttafa 13, paġ3), il-Gallozz Iswed sar protett bil-liġi fl-1993. Imma issa, wara biss tliet snin, il-liġi reġgħet daret kontrih u sar mill-ġdid kaċċa! Sewwa hekk: aħna n-naturalisti noħolqu l-ambjent biex inħajru l-għasafar ibejtu, u meta dawn jiġu, isibu xi buffu bis-senter jistennihom! Naraw fis-snin li ġejjin ikomplix ibejjet il-Gallozz Iswed! (Ara wkoll Il-Ħuttafa Numri 1, 6, 8 u 10).




## Ferut



Għażiż Editur,

Jien mort nimxi mal-familja u konna ż-Żebbiegħ. Sibt "swallow" ferut fil-ġewnaħ. Kien mimli demm. Ħadtu d-dar, għamiltlu l-isfar u għamiltu fis-sħana.

Meta kien b'saħħtu tar u mar ma' sħabu.

Alexander M Cardona
Santa Venera

Għażiż Alexander,

Meta ssib għasafar feruti aħjar ma tippruvax tikkurahom inti, għax ma tkunx taf eżatt x'għandu l-għasfur. L-aħjar li tagħmel huwa li ċċempel lil BirdLife fuq 230684/250229 jew aħjar taqbad mill-ewwel ma' Max Farrugia, espert fil-kura ta' l-għasafar feruti, fuq numru 233321.

Sakemm jinġabar l-għasfur minn għandek l-aħjar ikun li tqiegħdu f'kaxxa magħluqa (b'xi toqba żgħira biex ma jifgax) u tippruvax titimgħu... Min ikun ferut ma jkollux moħħ ikel!

L-Editur

## Tgħidx x'niżlin...



Għażiż Editur,

Irċivejt mingħand Robert (Borg) kif tagħmel bird-table. L-għarus t'oħti, David Gatt, li għandu s-sengħa ta' mastrudaxxa, għamilli waħda.

Tgħidx kemm jinżlu għasafar fuqha, u hemm merill li qed jinżel kuljum.

Kristoff Scicluna Boffa
Żejtun

Għażiż Kristoff,

Prosit, ħej! Min jaf x'daqsxejn ta' bird-table għamillek David.

Qed nieħu pjaċir li diġà qed jinżlulek l-għasafar fuqha. Dwar il-merill, dan huwa għasfur li jgħix 'il-bogħod ħafna min-nies, għax jibża' minnhom. Issibu biss fuq l-irdum u fil-beraħ, u qatt ma tarah fil-ġonna jew fil-btieħi tan-nies. Għalhekk naħseb li kellek daqsxejn żball meta għidtli li jinżillek merill fuq il-bird-table! Forsi xi għasfur ieħor li għadek ma tafx x'inhu.

Jekk tiktbilna kif inhu, jew anke tipprova tpinġih u tibagħtulna, aħna nippruvaw nagħrfuh u ngħidulek x'inhu. Orrajt? Importanti li tħares lejh sewwa biex tgħidilna l-kuluri sewwa kif qegħdin.

L-Editur

## Kif tibniha?



Għażiż Editur,

Jekk jogħġbok tista' tibgħatli t-tagħrif kif tibni bird-table? Aħna għandna ħafna għelieqi ħdejna u nispera li l-għasafar li jistkennu hemm isibu x'jieklu fuq il-bird-table tiegħi.

Bilħaqq, prosit tal-magażin tagħkom. Jiena nħobb naqrah ħafna, u nattendi l-attivitajiet tagħkom, speċjalment il-Kraft.

Dejjem tiegħek

Claudia Victoria Cassar
Gżira

ps. Xi għaxar snin ilu kontu tagħmlu l-ħarġiet għall-Buskett, berdwoċing etc. Dawn għadkom tagħmluhom?

Għażiża Claudia,

Kemm nieħu pjaċir nara din id-drawwa tal-bird-tables tinfirex mal-membri tal-Klabb. M'għandkomx ideja kemm tgħinhom lill-għasafar ħaġa bħal din, speċjalment fix-xhur tax-xitwa, meta x'jieklu ftit li xejn isibu. Għalhekk prosit u nawguralek mijiet ta' għasafar! It-tagħrif li tlabtna rċivejtu diġà, m'għandix dubju.

Grazzi tal-kummenti sbieħ dwar Il-Ħuttafa, u kompli attendi l-attivitajiet tal-Klabb. Jidher biċ-ċar li m'intix membru fatat! U b'xortik għax f'Ġunju għandna ppjanata Lejla Kraft oħra (ara paġna 8).

Dwar il-ħarġiet berdwoċing, f'Ottubru kull sena nieħdu sehem fil-World Birdwatch, imma mhux bilfors issir il-Buskett - aħna nippruvaw invarjaw il-postijiet. Per eżempju s-sena l-oħra għamilniha n-naħat ta' Selmun, u kienet suċċess. Dis-sena għad irridu naraw. Iċċekkja l-ħarġa li jmiss, jew ta' wara.

Sadattant prosit mill-ġdid, Claudia, u ibqa' attendi u ħajjar lil ħbiebek jidħlu membri wkoll!

L-Editur






**IKTBU LIL**



**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**
Biex Robert iwiġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 5ċ.

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur
Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta

Nimrod Mifsud (11)



Seqer tal-Ħannieqa

Ellsworth Camilleri (11)



Ċikonja Bajda

Eman Abela (8)



Daqquqa Kaħla

Daniela Magri (10)



Gawwija Prima

Chris Meli (10)



Buċaqq tas-Silla

Mark Camilleri



Arpa

Min bagħat tpinġijiet li għadhom ma deħrux ikompli jieħu ftit paċenzja, xi darba jmiss tiegħek ... kuraġġ!!

Xi membri għadhom jibagħtulna tpinġijiet bil-kulur ... dawn MA NISTGĦUX nippublikawhom!




*Nafu kemm minnkom jiġġennu għal xi Lejla Kraft minn tagħna!*

*U għalhekk ħsibna biex inħawdu xi ħaġa mill-ġdid...*

*Did-darba se nagħmlu kemm nistgħu RIĊIKLAĠĠ. Riċiklaġġ jiġifieri tuża affarijiet li jkunu diġà ntużaw għal xi ħaġa oħra, per eżempju tagħmel qasrija minn flixkun tal-plastik!*

*Ejjew flimkien inħaddmu ftit idejat u ħafna idejn, u naraw x'joħroġ!*

*U bħas-soltu, li tagħmlu jsir tagħkom!*



**Tfal taħt il-5 snin iridu jkunu akkumpanjati minn adult**

Data: **Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 1996**
Post: **Skola Primarja Furjana** (ara l-mappa)
Ħin: **6pm-8pm** Dħul: **50ċ (fil-bieb)**

Jekk jogħġobkom ibbukkjaw bit-telefon biex naraw kemm se nkunu. Ċemplu l-uffiċju BirdLife fuq 230684/250229 (qabel nofsinhar) mhux wara l-25 Ġunju 1996. Grazzi.









## "ILLLLLLISTRINA XI PJAĊIR!!!"

Kumment ta' membru li ġie l-ħarġa għal Kemmuna
(Ara wkoll paġna 10...)

## N A T U R A L M E N T




# IMXIMXIMXI

Sejjer x'imkien? M'għandekx aptit timxi... jew forsi trid tasal malajr? Il-kumdità kulħadd jaf isibha, u l-karozza taqdina tajjeb. Imma dak li hu l-aħjar għall-ħeffa u l-kumdità mhux bilfors hu l-aħjar għall-ambjent. Tassew li jekk ma nużawx il-karozza ndumu ftit aktar ma naslu, imma x'inhi kwarta iktar ħdejn arja iktar safja u toroq kwieti u bla periklu!

Qabel ma nitolbu lil xi ħadd iwassalna bil-karozza, naraw ftit nistgħux immorru bil-mixi jew bir-rota. Nistgħu wkoll nirkbu tal-linja. Għalkemm vettura bħall-karozzi l-oħrajn, imma tesa' ħafna aktar passiġġieri minn karozza normali. U bilħaqq, tinsewx li l-mixi u r-rota huma tajbin għal saħħitna.

Kull meta mmorru x'imkien bil-mixi, bir-rota jew b'tal-linja, inkunu qed innaqqsu ftit dħaħen tal-karozzi mill-arja. Dan id-duħħan mhux biss idejjaqna, imma wkoll joħloq sensiela sħiħa ta' problemi bħalma huma l-effett serra, ix-xita aċiduża u għadd ta' mard serju.

**Jason Aloisio**





ritratti Norman Chetcuti



## *Klabb Huttaf International!!!*

Il-Gruppi Lokali ta' H'Attard u tar-Rabat għamlu attività fir-riserva ta' l-Għadira flimkien ma' grupp żgħażagħ tad-Deutsch Bund für Vogelschutz (DBV), għaqda Ġermaniża li bħal BirdLife taħdem għall-ħarsien ta' l-għasafar. Attendew 45 minn Klabb Huttaf u 12 barranin. Flimkien żabru siġar, fetħu mogħdijiet, għalqu oħrajn, ġarrew ħamrija u kompost, qattgħu zkuk u ħaxix għall-kompost, naturalment kollox taħt id-direzzjoni tal-gwardjan Charles Gauci. U oħroġ il-għaġeb, sabu ċans ukoll jagħmlu ftit berdwoċing (u chamaeleon-watching!) u jilagħbu logħba ambjentali. Fl-aħħar ħawlu siġra taż-Żnuber bħala tifkira ta' din l-attività internazzjonali. Prosit lil-Leaders Agnes Scicluna, Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti, u lil xi ġenituri li attendew u taw daqqa t'id. Nirringrazzjaw lil Ray Galea li qabbadna l-kuntatt mal-Leaders tad-DBV.

F'isem il-Grupp Lokali Naxxar, nixtiequ ħafna nirringrazzjaw lill-Ġiżwiti ta' Loyola House fin-Naxxar, b'mod speċjali lil Fr Henry u lil Fr Joseph, ta' l-għajnuna li taw u l-interess li wrew biex waħda mill-attivitajiet tal-Grupp kienet suċċess.



## GRUPPI LOKALI

**H'ATTARD**
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech, Joanne Scerri, Agnes Scicluna (ko-ord), Silvio Scicluna (ko-ord).

**MSIDA/TA' XBIEX**
Leaders: Michelle Borg (ko-ord), Robert Borg (ko-ord), Etienne Grech, Marisa Grech.

**NAXXAR**
Leaders: Jason Aloisio (ko-ord), Anita Bezzina, Mark Falzon (ko-ord), Konrad Pizzuto, Justin Vassallo.

**RABAT**
Leaders: Audrey Chetcuti (ko-ord), Norman Chetcuti (ko-ord), Angéle Pulis, Chris Pulis.

## APPELL

**Irridu ġenituri biex jgħinuna nwaqqfu Gruppi Lokali f'aktar inħawi ta' Malta u Għawdex! Min iħoss li jista' jgħin iċempel 436335 jew 454548**

STORJARITRATTI

# Meta morna Kemmuna

Wara lejl talb biex jieqaf ir-riħ, sebaħ is-Sibt l-4 ta' Mejju... it-talb tagħna kien instema'! U morna!



Kulħadd jidher tiela' (ara Robert x'inhu kuntent) fuq il-lanċa u jsib postu. Le, dik il-gaffa ma ġietx magħna!



Fir-ringing station nammiraw lir-ringer Joseph Mangion (b'leħja ta' ġimgħa) jieħu d-dettalji ta' Bufula Sewda. L-assistenta Louise tniżżel kollox fil-logbook.



Nistrieħu fuq iż-żuntier tal-kappella wara nofs ta' nhar berdwoċing. Dak it-tobi li għolla idu min hu?!

ritratti Desirée Falzon



Ħuttafa ħabrieka li ħadet in-noti kollha qed taqralna l-lista ta' l-għasafar kollha li rat dakinhar.



Norman jgħodd il-flus...jidher iddisprat! It-tifla ta' ħdejh tinduna...u tibda tħaffirlu qabar!

Dawn huma biss ritratti mit-tieni harġa.
Harġa oħra saret ukoll b'suċċess fl-20 ta' April.

# Baħħara tal-Galàpagos

**Sensiela kwadretti dwar tajr tal-baħar li jgħix fil-Galàpagos, grupp ta' gżejjer vulkaniċi fl-Oċejan Paċifiku. F'din il-ħarġa...**

## Il-Pingwin tal-Galàpagos

Galàpagos Penguin - *Spheniscus mendiculus*



Disinn David Aloisio

Ħadd ma jistenna li jsib pingwini ħdejn l-ekwatur. Imma oħroġ il-għaġeb fuq il-Galàpagos tgħix speċi ta' pingwin żgħir (twil biss xi 30ċm). Il-**Pingwin tal-Galàpagos** huwa endemiku, jiġifieri ma ssibu imkien ħlief hemm. Jgħum b'ħeffa kbira taħt wiċċ l-ilma, bis-saħħa ta' ġwienaħ qishom flipers, u ta' saqajh.

Il-pingwini għandhom saffi ħoxnin ta' xaħam u rix, għax is-soltu jgħixu f'ibħra nġazzati u fuq is-silġ. Biex itaffu ftit mis-sħana tropikali li jgħixu fiha, il-pingwini tal-Galàpagos iżommu ġwinħajhom miftuħin ħalli ż-żiffa tiffriskahom. Iżommu wkoll saqajhom fid-dell ta' ġisimhom. Jekk dan ma jkunx biżżejjed, jaqbżu l-baħar!

Il-Pingwin ta' Galàpagos "jiżżewweġ" għal għomru u jgħammar kull sena. Il-par ibidu żewġ bajdiet f'bejta ta' ċrieki ta' ġebel żgħar imqegħdin fuq il-blat tal-lava. Il-bajd qatt ma jitħalla waħdu. Il-Pingwin ibejjet f'kolonji, jiġifieri fi gruppi, imma kull par ikollu arja madwar il-bejta li jiddefendiha u ma jħallix min jidħollu fiha. Huma u mexjin lejn jew mill-bejta, ixenglu rashom b'mod stramb. Forsi dil-mossa turi li qegħdin f'moviment u mhux qed jinvadu t-territorju li nzertaw għaddejjin minnu fi triqthom.

Tagħrif miġbur minn **David Aloisio**





Victor Falzon

## Xena tal-kampanja Maltija... Imma iktar qisha xena mill-film TERMINATOR

(Arnold Schwarzenegger jonqos!)

## x'rat il-kamera



**Meta ġġedded il-miżata qis li żżid il-postcode - għad għandna skoss neqsin. Mingħajr postcode, Il-Ħuttafa tista' tasallek tard!**

Tieħu tieħu bla ma trodd...



...sa d-DINJA tħott!

## magħluqa




Matul ix-xhur tas-sajf fir-riserva ta' l-Għadira jsir ħafna xogħol ta' tiswijiet, tisqija ta' siġar eċċ. Għalhekk f'dan iż-żmien tas-sena r-riserva tkun magħluqa għall-publiku. Hekk jew hekk, fis-sajf ftit ikun hemm għasafar x'tara fir-riserva. L-Għadira terġa' mbagħad tiftaħ għal Ottubru.

## tweġibiet




Dawn huma t-tweġibiet tal-KOMPETIZZJONI 13. L-għasafar imħalltin kienu: BIRWINA, RUSSETT, BRAJMLA, ĊIKONJA, SILFJUN, AVULTUN. ĦUTTAFA, TERTUXA. L-għasfur misterjuż kellu jkun BUMISTUR (bl-Ingliż *wren*).

Ir-rebbieħ kien Julian Vella mill-Mellieħa, li rebaħ KTIEB DWAR IN-NATURA.